**L-Erbgħa 19 ta' Jannar 2011**

**P7_TC2-COD(2008)0142**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fid-19 ta' Jannar 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2011/24/UE).*

---

## Ftehim UE-Kamerun dwar il-liġi dwar il -foresti ***

P7_TA(2011)0009

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarja UE-Kamerun dwar l-infurzar tal-liġi dwar il-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-injam u tal-prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT) (12796/2010 – C7-0339/2010 – 2010/0217(NLE))**

(2012/C 136 E/25)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kunsill (12796/2010),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kamerun dwar l-infurzar tal-liġi dwar il-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-injam u tal-prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT) (13187/2010),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni mressqa mill-Kunsill skont l-ewwel subparagrafu tal Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu Article 207(4), l-Artikolu 218(6) it-tieni subparagrafu, punt (a), punt (v) u l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0339/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0371/2010),

1. Jagħti l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Kamerun.

---